# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 5/2022

20 ta'April, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**5.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus. Huwa kien skużat mil-laqgħa. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsilliera Joanna Abdilla kienet ser tattendi aktar tard ghal laqgha.

**5.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

5.1.2 Is-Sindku qal ref punt 4.1.2 (Laqgħa Traffic Management) kienet saret fix-xahar ta' Marzu li għaliha kienu attendew is-Sindku u l-Kunsillier Mark Cocker flimkien mal-Perit. Huwa ta rendikont tal-laqgħa mat-Traffic Management Board u qal li issa l-Kunsill kien jeħtieġ li jagħmel laqgħa mat-trasport pubbliku biex jiġi diskuss iċ-ċaqlieq fit-trasport. Is-Sindku qal li hekk kif il-Kunsill ikollu feedback tal-proposti li ressaq il-Kunsill tkun tista' ssir laqgħa ta' kunsultazzjoni mar-residenti fejn il-Perit ikun jista' jagħti update lir-residenti.

5.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward il-Proġett tal-Pjazza. Is-Sindku kkonferma li kien talab lill-Perit iħaffef kemm jista' bil-pjanti tal-pjazza sabiex inkunu nistgħu nibdew nagħmlu diskussjonijiet sabiex naraw nistgħux niksbu għajnuna biex jitwettaq dan il-proġett.

5.1.4 Is-Sindku qal ref punt 4.1.4 l-attivita' ma Grow Trees kienet suċċess. Huwa rringrazzja lill-Kunsilliera Joanna Abdilla u Publio Abdilla li kienu attendew u taw daqqa t'id. Is-Sindku qal li l-istumps li kien fadal mis-siġar tal-Yucca kienu ġew ftit koroh u għalhekk kien qed jissugerixxi li l-Kunsill iqabbad lil xi ħadd forsi jirnexxielu jagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li mill-bqija kulħadd kien kuntent bir-rizultat ta' din l-attivita'.

5.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li jaf li l-bankijet tal-pjazza kienu diġa' daruhom pero' il-bank ta' ħdejn il-każin kien jinħtieġ li jerġgħu jduruh. Is-Sindku kkonferma li kienu ser jeġgħu jduruh.

5.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill setax ikompli jmexxi fuq ref punt 4.3.1 (underground parking Ġnien Dun Karm Vella). Is-Sindku kkonferma li diġa' kien bagħat komunikazzjoni lill-Ministeru għall-Ambjent sabiex jara jekk din il-proposta tistax tiġi kkunsidrata.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 17.45

**5.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.2.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand l-Active Ageing rigward is-servizz tas-Silver T. Is-Sindku spjega li dan is-servizz ser jiġi estiż minn Ħal Safi għad-Day Centre u l-banek fil-lokalita' taż-Żurrieq. Is-Sindku spjega li aktar 'il quddiem, meta s-servizz jibda jsir permezz ta' vann, dan is-servizz ser jiġi estiż għall-irħula oħrajn tal-madwar. Is-Sindku spjega ukoll li wieħed għandu jibbukja bejn ġurnata u tlett ijiem qabel u li s-servizz kien qed jiġu offrut bejn is-7:00am u s-2:00pm.

5.2.2 Is-Sindku qal li minħabba x-xogħolijiet li kellhom isiru fi Triq l-Iskola kienet ser issir laqgħa mal-Perit it-Tlieta ta' wara l-laqgħa fid-9:30am biex jigi diskuss kif u fejn ser isiru l-*culverts* fi Triq l-Iskola. Saret diskussjoni fejn is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien qabel ma Infrastructure Malta sabiex isiru culverts fi Triq l-Iskola u minflok t-tarmak mill-ġdid fi Triq l-Iskola ssir Triq iż-Żurrieq.

5.2.3 Is-Sindku qal li l-laqgħa preċidenti l-Kunsill kien tkellem rigward l-applikazzjoni għal bandli. Huwa spjega li l-Kunsill kien iddiskuta l-possibbilita' li ssir tinda fuq il-*play equipment* li għaliha l-Kunsill kien talab disinn lill-Kuntrattur. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal din l-applikazzjoni napplikaw biss għax-xtabi, restawr tal-murial u sabiex nerġgħu nġeddu l-*maintenance agreement*.

5.2.4 Is-Sindku qal li l-konka ta' madwar iż-żebbuġa li tinsab fi Triq Santa Marija, quddiem il-kappillan kellha bżonn li titranġa. Is-Sindku ppreżenta l-istima li l-Kunsill kien ġab mingħand il-Kuntrattur. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandna nieħdu parir x'jista' jsir.

5.2.5 Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex issir mera fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha ssir tali mera.

5.2.6 Is-Sindku qal li fi Triq San Ġorġ kien hemm in-numri tad-djar doppji. Is-Sindku spjega li diġa' kienet saret inspection mill-Kumitat tad-Door Numbering Unit minħabba din il-problema u li minn naħa tad-Door Numbering Unit kienu qed jitolbu l-Kunsill sabiex jidentifika minn fejn għandha tibda Triq San Ġorg u fejn ser ikun qed jispiċċa Misraħ San Gużepp. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li Misraħ San Ġużepp għandu jispiċċa fejn il-binja li għadha kif inbniet u tibda Triq San Ġorġ.

**5.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

5.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kien hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix tal-Karwija. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qabbad lill-Kuntrattur tagħna sabiex ineħħu l-ħaxix dak aħna għandna nduruh.

5.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla fakkret lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 22 ta' Mejju fil-pjazza kien ser ikun hawn il-Blood Donation Unit.

5.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-attivita' ma Grow Trees kienet suċċess u li xtaqet tirringrazzjhom u lil żewġ gruppi u volontarji. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.3.4 Is-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva aġġornament għall-ilmenti li kien sar minħabba d-dawl baxx f'ċerti żoni. Is-Sindku kkonferma li kien informat li l-Enemalta kienu ser jgħaddu xi cables ġodda u l-Kunsill seta' jiċċara din is-sitwazzjoni mal-Inġinier.

5.3.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li xtaqet tinnomina sabiex is-Sur Alexis Callus jingħata apprezzament waqt is-serata tal-Premju Onorifiċenza għaliex tħoss li dejjem kien ta' għajnuna għall-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li jaqbel li l-Kunsill jagħmel policy u jiddeċiedi jekk apprezzament għandux jingħata aktar minn darba waħda bħala ma jingħata l-Premju Onorifiċenza. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-għoti ta' apprezzament jiġu diskussi waqt il-laqgħa tal-Kunsill u jingħataw skont l-apprezzament għas-sena preċedenti.

5.3.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla għarrfet li t-tabella tal-One Way bejn Triq il-Kuċċard u Triq is-Summien quddiem is-Service Road kienet imdawra.

5.3.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li f'laqgħa preċedenti kienet semmiet sabiex tiġi organizzata mixja. Hija spjegat li kienet ikkomunikat mal-persuna li normalment ngħidu għal dawn il-mixjiet u infurmat lill-Kunsill li l-mixja kienet ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd 1 ta' Mejju, 2022. Il-Kunsill qabel.

5.3.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-iSports day bħala parti miċ-Ċelebrazzjoni għal Jum Ħal Safi kienet ser issir il-Ħadd ta' wara, wara l-quddiesa tad-9:00am.

5.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kienx attrezzat biżżejjed sabiex jissaqqew is-Soft Areas Ħal Safi. Is-Sindku spjega kif kien qed isir it-tisqija mill-Kuntrattur tal-Kunsill.

5.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li Misraħ Ħlantun, xi ħadd kien qata' biċċiet tal-ħarrub u kien ħallihom hemm. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nibagħtu lil kuntrattur tal-*bulky* sabiex jiġborhom.

5.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fi Ġnien t'Amparell kien jidher li hemm siġra taż-żebbuġ marida. Minħabba f'dan il-Ġimgħa ta' wara kienet ser issir spezzjoni minn xi ħadd jaħdem l-Għammieri sabiex naraw jekk hemm xi intervent li jista' jsir sabiex nippruvaw insalvaw din is-siġra.

5.3.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix fi Ġnien Dun Karm Vella u l-maqrut fi Triq il-Karwija. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jibgħat lill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.3.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ix-xtabi tal-Ġnien Alexander Ball kienu qed isiru. Is-Sindku kkonferma li kienu reġgħu ġew jieħdu l-kejl u suppost issa kienu fil-proċess li jsiru.

5.3.13 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Joanna Abdilla hemm planter fi Triq iż-Żurrieq lejn is-sorijiet kienet mejta u filkas nistgħu niżirgħu xi ħaġa oħra minflok. Il-Kunsill qabel.

5.3.14 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-mixja bħala għajnuna għal Puttinu Cares kienet marret tajjeb u kienet inġabret somma €250 li issa ser tgħaddi lil Puttinu. Il-Kunsill faħħar din l-inizjattiva.

**5.4 Rapporti**

Approvazzjon ir-Raba Quarterly Financial Report 2021

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tar-raba *Quarterly Financial Statements* Q4 (Ottubru – Diċembru 2021) lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

**5.4 Updates Jum Ħal Safi**

5.4.1 Is-Sindku qal li b'żieda mal-apprezzament ta' Alexis Callus huwa xtaq li s-Sur Renzo Degabriele u s-Sur Josef Debono ukoll jingħataw apprezzament għal koperazzjoni tagħhom mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku spjega ukoll li s-Sur Ramon Deguara ma setax jattendi għas-serata tal-Premju Onorifiċenza pero' l-apprezzament kien ser jiġi preżentat lil min kien ser jibgħat minfloku.

5.4.2 Is-Sindku qal li bħala programm għas-serata fejn jingħata l-Premju Onorifiċenza kien ser ikollna lis-Sur Jonathan Sciberras bħala solista u kienu mistiedna l-Assoċjazjoni Esprimi sabiex jaqraw erba' peożiji. Is-Sindku spjega ukoll li fl-ewwel parti tas-serata kienu ser jingħataw l-apprezzamenti u r-rikonoxximenti.

5.4.3 Is-Sindku qal li snin preċedenti t-tberik tal-Kunsill kien isir nhar Ħadd il-Għid wara l-quddiesa tal-10:00am. Is-Sindku spjega li din is-sena t-tberik kien ser isir il-Ħadd wara l-quddiesa ta' Jum Ħal Safi fl-24 t'April.

## 5.6 Festa Qamar il-Għasel 2022

Is-Sindku spjega li din is-sena minħabba li tneħħew ir-restrizzjonijiet tal-Covid-19 il-Kunsill seta' jerġa' jorganizza Festa Qamar il-Għasel. Huwa qal li xtaq li l-Kunsill jibqa' jżomm id-data tas-7 ta' Ġunju bħala l-ġurnata ddedikata għal din l-attivita'. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ser iqabbad *organiser* sabiex din l-attivita' tkun organizzata b'mod professjonali. Il-Kunsill qabel.

## 5.7 Measure 4 - Development of green infrastructure

Is-Sindku spjega li kienet reġgħet ħarġet l-iskema Measure 4 – *Development of Green Infrastrucutre* fejn qabel konna applikajna sabiex nagħmlu r-restawr ta' Ġnien Alexander Ball. Huwa qal li l-Kunsill seta' jerġa japplika għal din l-iskema għall-istess Ġnien pero' issa l-Kunsill japlika sabiex isir ir-restawr tal-ħajt ta' Ġnien Sir Alexander Ball minn naħa ta' ġewwa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna naplikaw taħt din il-miżura.

## 5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

## 5.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmis

Il-laqgħa ntemmet fil-7:41pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju, 2021 fil-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchinio
Segretarju Eżekuttiv